# IL-PJAN TAL-LEZZJONI – 4.6 – 4.7

**Kap: Kapitlu 4: Ejja inkunu ħbieb tajbin !**

**Lezzjoni: 4.6./4.7 Is-Samaritan it-Tajjeb./ Int tista' tkun Samaritan ukoll**

## L-Għanijiet:



## It-tfal:

1. Jisimgħu l-istorja **Is-Samaritan it-Tajjeb**.
2. Jitgħallmu:

   i) kif għandna nħobbu billi ngħinu lill-oħrajn.

   ii) li għal Ġesù kulħadd hu ħabib.

3. Jitgħallmu kif għandha tkun l-għajnuna vera.
4. Jifhmu li għal Ġesù kulħadd hu ħabib u allura jrid jiġi mgħejjun.
5. Jifhmu kif iridu jkunu ħbieb ta' kulħadd billi jgħinu anke jekk ibatu .

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



-pupazzi tal-istorja tas-Samaritan it Tajjeb.

-Video tal-istorja fuq You Tube.

-Stejjer qosra.

-Karta ta' Taħriġ 4.5 : Int ukoll tista' tkun Samaritan tajjeb.

- Karta ta' Taħriġ addizzjonali.

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Ibda l-lezzjoni billi tirrakkonta dawn l-istejjer qosra ta' sitwazzjonijiet li jiġru lit-tfal. Wara kull sitwazzjoni t-tfal jidentifikaw:



1. min kellu bżonn l-għajnuna.

2. min ma tax l-għajnuna ( u allura għamel ħażin.)

3. min ta l-għajnuna ( u allura ġab ruħu sew.)

L-1 sitwazzjoni

**Peter kellu l-lazz maħlul u waqa' mal-art. Mark qabad jidħak bih. Tania għenitu jqum.**

It-2 sitwazzjoni

**John waqqa' l-ilma fuq il-mejda. Bernard mar jugżah lill-għalliema. Ben beda jgħin lil John jimsaħ l-ilma bis-sarvetta.**

**It-3 sitwazzjoni**

**Fit-triq għas-sħana kien hemm qattus inewwah bil-għatx . Mark tah daqqa ta' sieq għax dejqu. Pam daħlet id-dar u ħarġitlu bieqja tal-butir nadifa mimlija bl-ilma frisk.**

- **Staqsi: : Min huma l-ħbieb it-tajbin? Għaliex?**

## Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)

- Uri il-vidjow tal-istorja tas-Samaritan it-Tajjeb fuq You Tube. Ikun t'għajnuna għat-tfal jekk l-għalliema tispjega bil-Malti lit-tfal x'inhu jiġri fl-istorja.(Minflok dan il-kartun jistgħu jintwerew clips oħrajn minn fuq l-Internet. Hemm għażla kbira! L-istorja tista' tinqara minn fuq xi ktieb jew tista' ssir preżentazzjoni bil-Powerpoint jew fuq Starboard/Smartboard. L-importanti li tingħad l-istorja b'mod li t-tfal jistgħu jifhmuha.)



- Aqsam it-tfal fi gruppi żgħar ta' tlieta jew erbgħa. Kull grupp jingħata kopja tal-pupazzi. It-tfal jpinġuhom, iwaħħluhom fuq kartuna riċiklata u jaqtgħuhom. Kull grupp jirreċta l-istorja bil-pupazzi tiegħu. Jistgħu jirreċtawha aktar minn darba ħalli diversi tfal jkollhom iċ-ċans jieħdu r-rwol tas-Samaritan.
- Agħlaq il-parti tad-drama billi t-tfal jidentifikaw min fl-istorja:

**kellu bżonn l-għajnuna.- ma tax l-għajnuna ( u allura għamel ħażin.) - ta l-għajnuna ( u allura ġab ruħu sew.)**

- Oħloq ċart ( jekk trid) dwar l-istorja tas-Samaritan it- Tajjeb.
- Iftaħ il-Ktieb tal-Attivitajiet 4.5 u ddiskuti mat-tfal għalfejn l-istampi juri samaritani tajbin. Xi risposti jistgħu jkunu:

- Iżuru lil min hu marid bil-permess tal-ġenituri tagħhom.

-Jitolbu sew għal min qed ibati u huma ma jistgħu jagħmlulu xejn.

-Jieħdu ħsieb sew tal-pets tagħhom.

-Jilagħbu ma' min hu iżgħar minnhom bla tgergir.

- Agħlaq dawn iż-żewġ lezzjonijiet billi tfakkar bl-importanza tal-għajnuna lil min hu fil-bżonn. Jekk tixtieq għandek ukoll kopja ta' karta ta' Taħrig Addizzjonali li tista' ssir mat-tfal u li tkompli tenfasizza dan il-kunċett.



## Nikbru flimkien (punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Ġesù jixbah lil dak is-Samaritan it-Tajjeb.
2. Ġesù jgħallimna ngħinu lil kulħadd
3. Ngħinu milli nistgħu lil min hu fil-bżonn.
4. Ngħinu lil kulħadd, anke lil min ma nafuhx.
5. Ġesù jixtieqna ngħinu anke lil min ma naqblux miegħu.




## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

Hu sew li ngħin, anke jekk irrid inċedi xi ħaġa milli għandi u li togħġobni.

## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Minn fuq YouTube naraw il-video

The Good Samaritan (http://www.youtube.com/watch?v=IfQF2kx7Nso)

Jekk m'hemmx ċans, m'hemmx għalfejn

jintwera kollu.

Tista' tibdih mill-10 minuta

sat-23 minuta biżżejjed.



## Nitolbu

Mulej għinna biex aħna nagħmlu dejjem

bħas-Samaritan it-Tajjeb.

Meta naraw lil xi ħadd f'diffikulta' ngħinuh.

